

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 986/2008**tas-7 ta' Ottubru 2008**

li jipprojbixxi s-sajd għaċ-ċinturin iswed fiż-żoni V, VI, VII u XII tal-ICES (ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għajr il-Ġermanja, Spanja, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi għall-2007 u l-2008 l-oportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond [traduzzjoni mhux uffiċjali] ⁽³⁾ jistipula l-kwoti għall-2007 u l-2008.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri msemmija hemmhekk jew irreġistrati fihom, eżawrew il-kwota alllokata lilhom għall-2008.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwot

Il-kwota tas-sajd alllokata għall-2008 lill-Istati Membri msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsmemi f'dak l-Anness għandha titqies bħala eżawrita.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri msemmija hemmhekk jew irreġistrati fihom huwa pprojbit. Huma pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbud minn daww il-bastimenti.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Id-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi

⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

⁽²⁾ ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28.

ANNEX

Nru	07/DSS
Stat Membri	L-Istati Membri kollha għajr il-Ġermanja, Spanja, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Renju Unit
Stokk	BSF/56712-
Speċi	Ċinturin iswed (<i>Aphanopus carbo</i>)
Żona	Ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' V, VI, VII u XII